MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 139/2010

**Av. Dottor Antoine Camilleri (numru tal-karta ta' l-identita` 495276 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Converse Inc.**

**vs.**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tat-18 ta' Marzu 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Nour Line P/C M.B.M.T Avenue Hedi Nouira Tunis**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Antoine Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Converse Inc., datat 15 ta’ Frar 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona s-segwenti:-

Illi s-socjeta` rikorrenti Converse Inc., ta' One High Street North Andover, MA 01845-2601, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja ta’ diversi disinji u markji, fosthom il-markji “CONVERSE”, “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” liema markji huma uzati fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, zraben sportivi u prodotti ohra, u dan **skont** kif jidher fuq id-Dokument “A” , d-Dokument “B” u d-Dokument “C”;

Illi s-socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ propjeta` industrijali tal-istess markji “CONVERSE”, “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” **skont** il-provvedimenti tal-**Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att Dwar Drittijiet Dwar Propjeta’ Intelletwali (Mizuri Intrakonfini)** kif ukoll **skont** il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravjenu certi drittijiet ta’ propjeta` intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravjenu l-imsemmija drittijiet, minhabba l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti irregistrat l-imsemmija markji “CONVERSE”, “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” bhala *Trademarks* Komunitarji mal-‘Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropea (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 7600117 (kif muri f’Dok. “A”), Numru 000924653 (kif muri f’Dok. “B”) u Numru 000929078 (kif muri f’Dok. “C”) kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti tgawdi d-drittijiet tal-awtur fuq id-diversi disinji li jidhru fuq il-prodotti u l-ippakkettjar taghhom fosthom id-disinn ta’ stilla f’cirku kif rapprezentat f’Dok. “D” (rapprezentat minn ritratti/pagni informali mehuda mis-sit elettroniku tas-socjeta` rikorrenti: www.converse.com);

Illi jirrizulta illi fit-12 u fid-19 ta’ Jannar 2010 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapuri MV “CMA-CGM ORFEO” u MV “CMA-CGM Don Giovanni”, u/jew giet importata

temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji "CONVERSE", "CONVERSE ALL STAR" u "ALL STAR" fuq imsemmija kif ukoll igibu d-disinji msemmija aktar 'il fuq liema konsenja tikkonsisti f'sittax-il elf erbgha mija u hamsa u sebghin (16,475) par b'*Container* Numru ECMU8044023, fi hdax-il elf, u hamsa u sebghin (11,075) par b'*Container* Numru ECMU8014543, f'disat elef mija u hamsin (9,150) par b'*Container* Numru ECMU8024135, u f'ghoxrin elf disgha mija u sitta u sebghin (20,976) par b'*Container* Numru TCKU9970130 u li lkoll ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003, u bi ksur tal-Provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini));

Illi mill-Poloz ta' Kargu Numri SHZ0912939 (ghal *Container* Numru ECMU8044023), GGZ0284819B (ghal *Container* Numru ECMU8014543), GGZ0284806A (ghal *Container* Numru ECMU8024135) u GGZ0284806B (ghal *Container* Numru TCKU9970130) jirrizulta li l-konsenjatarji huma ndikati bhala Nour Line P/C M.B.M.T Avenue Hedi Nouira Tunis Tel/Fax:00216-7133702 waqt li d-dettalji tas-*Shipper* huma ndikati bhala Shenzhen Yongxingbang Industry Co., Ltd. Room 316, Imp. & Exp. Building, Yanhe South Road, Shenzhen, China (fl-imsemmija Polza ta' Kargu Numru SHZ0912939) u bhala Sun Asia Limited (fl-imsemmija Poloz ta' Kargu Numri GGZ0284819B, GGZ0284806A u GGZ0284806B);

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projibit skont l-Artiklu 16 ta' l-istess Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u skont l-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u **(b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** u/jew skont

l-**artikolu 2 (1) (a)** u **(b) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta` estera Nike Italy S.r.L. ghas-socjeta` rikorrenti (ara rapporti tal-analizi mmarkati bhala Dok. “E1” u “E2”);

Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li giet provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista` jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopji tal-applikazzjonijiet mmarkati bhala Dok. “F1”, “F2” u “F3”);

Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita` Ewropea u fil-kazistika tal-‘European Court of Justice’ illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tal-26 ta’ Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

Illi l-**artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 ta’ l-2003** intitolat **“Regoli ta’ l-2003 dwar it-Trademark Komunitarja”** jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim’Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri *nomine* jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u/jew (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u/jew **(b)** tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**).

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi, li tikkonsisti f'sittax-il elf erba' mija u hamsa u sebghin (16,475) par b'*Container* Numru ECMU8044023, fi hdax-il elf, u hamsa u sebghin (11,075) par b'*Container* Numru ECMU8014543, f'disat elef mija u hamsin (9,150) par b'*Container* Numru ECMU8024135, u f'ghoxrin elf disgha mija u sitta u sebghin (20,976) par b'*Container* Numru TCKU9970130, da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u/jew (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 16** tal-istess **Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003,** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u/jew (b) tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414**, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 007600117 u Numru 000924653 u Numru 000929078 irregistrati f'isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skont il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tal-26 ta' Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea)) u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi ghandha s-socjeta` rikorrenti fuq id-diversi disinji li jidhru fuq il-prodotti u l-ippakkettjar taghhom fosthom id-disinn ta' stilla f'cirku (kif muri f'Dok. "D");

3. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda

kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skont l-**artiklu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont l-**artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**.

4. Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u/jew skont it-termini tal-**Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

5. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u/jew skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 5 u 6) u sitt (6) dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "H" kif jidhru a fol. 9 sa fol. 28 tal-process.

Rat id-digriet datat 18 ta' Marzu 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Gunju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 6 ta' Mejju 2010 (fol. 38) fejn eccepew:-

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi a fol. 39 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta’ Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri ghas-socjeta` attrici li rrimetta ruhu ghall-atti. Dr. Yana Micallef Stafrace msejjha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi s-socjeta` attrici hija proprjetarja tal-markji “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” fuq diversi prodotti fosthom zraben sportivi u l-istess markji huma registrati bhala *Trademarks* Kommunitarji kif jirrizulta minn Dok. “A” u “B” annessi mar-rikors guramentat.

Illi jirrizulta illi fit-12 u fid-19 ta’ Jannar 2010 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapuri MV “CMA-CGM ORFEO” u MV “CMA-CGM Don Giovanni”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi li jgibu l-markji “CONVERSE”, “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” fuq imsemmija kif ukoll igibu d-disinji msemmija aktar ‘il fuq liema konsenja tikkonsisti f’sittax-il elf erbgha mija u hamsa u sebghin (16,475) par b’*Container* Numru ECMU8044023, fi hdax-il elf, u hamsa u sebghin (11,075) par b’*Container* Numru ECMU8014543, f’disat elef mija u hamsin (9,150) par b’*Container* Numru ECMU8024135, u f’ghoxrin elf disgha mija u sitta u sebghin (20,976) par b’*Container* Numru TCKU9970130 u li l-Ufficjali tad-Dwana zammew ir-rilaxx taghhom fl-14 ta’ Jannar 2010 fuq suspett li l-istess oggetti ma humiex genwini, u dan bi

ksur tal-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003,** u bi ksur tal-**Provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)).**

Illi jirrizulta li tali konsenja kienet destinata lill-entita`/socjeta` intimata skont il-polza ta’ karigu relattiva u li mir-rapport li sar fuq l-oggetti hekk mizmuma rrizulta li tali oggetti kienu filfatt kontrafatti (Dok. “E 1” u Dok “E 2”) u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u l-Qorti tilqa’ it-talbiet attrici salv li tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ (4) talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u/jew (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u/jew **(b)** tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**).

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-msemmija konsenja ta’ zraben sportivi, li tikkonsisti f’sittax-il elf erba’ mija u hamsa u sebghin (16,475) par b’*Container* Numru ECMU8044023, fi hdax-il elf, u hamsa u sebghin (11,075) par b’*Container* Numru ECMU8014543, f’disat elef mija u hamsin (9,150) par b’*Container* Numru ECMU8024135, u f’ghoxrin elf disgha mija u sitta u sebghin (20,976) par b’*Container* Numru TCKU9970130, da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-

Dwana, jikkontravjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u/jew (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 16** tal-istess **Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003,** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a)** u/jew (b) tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414**, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 007600117 u Numru 000924653 u Numru 000929078 irregistrati f’isem is-socjeta` rikorrenti (dan kollu skont il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 207/2009 tal-26 ta’ Frar 2009 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea)) u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi ghandha s-socjeta` rikorrenti fuq id-diversi disinji li jidhru fuq il-prodotti u l-ippakkettjar taghhom fosthom id-disinn ta’ stilla f’cirku (kif muri f’Dok. “D”);

3. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skont l-**artiklu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont l-**artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba ghaliex ma hemmx bzonnha.

5. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont it-termini tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra s-socjeta`/entita` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------